

# News Releases



## Il-Qgħad Irreġistrat: April tal-2023

NR091/2023 Data tal-Ħruġ: 24 ta' Mejju 2023

*F'April tal-2023, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 966, li huma żjieda ta' tliet persuni meta mqabblin mal-istess xahar fl-2022.*




Tagħrif mogħti minn Jobsplus juri li, sena għal sena, f'April 2023 kien hemm żjieda ta' ħames persuni jirreġistraw fl-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Qgħad u tnaqqis ta' żewġ persuni li kienu qegħdin jirreġistraw fit-Tieni Parti tal-istess reġistru (Tabelli nri 5 u 8). Kien hemm żjidiet fil-qgħad fil-grupp ta' età ta' taħt l-20 sena u fil-grupp ta' età ta' bejn it-30 u l-44 sena, filwaqt li l-gruppi ta' età l-oħrajn urew tnaqqis fir-reġistrar. L-irġiel kienu jagħmlu 70.6 fil-mija tan-nies kollha fir-reġistru, filwaqt li n-nisa kienu jifformaw id-29.4 fil-mija l-oħra (Tabella nru 1).

Kemm il-persuni li kienu ilhom jirreġistraw għax-xogħol għal inqas minn 21 ġimgħa kif ukoll dawk l-oħrajn li kienu ilhom jirreġistraw bejn 21 u 52 ġimgħa żdiedu meta mqabblin mal-istess xahar fl-2022. Min-naħa l-oħra, il-persuni li kienu ilhom fuq ir-reġistru għal aktar minn sena naqsu meta mqabblin ma' sena qabel (Tabella nru 2).

F'April 2023, l-għadd ta' persuni b'diżabbiltà li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol naqas b'14 meta mqabbel mas-sena ta' qabel, sabiex laħaq 233 persuna. L-irġiel kienu jgħoddu 78.1 fil-mija tal-għadd sħiħ ta' dawk imniżżlin fir-reġistru tal-qgħad bħala persuni b'diżabbiltà (Tabella nru 3).

L-irġiel u n-nisa fuq ir-reġistru tal-qgħad kienu qed ifittxu l-aktar impjiegi ta' appoġġ klerikali, bi 23.2 fil-mija u b'36.6 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4).

### Ċart 1. Il-qgħad irreġistrat

